MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 44/2005

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ppremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur A B u l-konvenuta C B zzewgu fil-5 ta' April 1997;

Premess illi l-partijiet sseparaw legalment permess ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 23 ta' Jannar 2003 (atti Nutar Dr. Joseph Debono);

Premess illi l-partijiet ghandhom zewgt itfal u cioe' Logan ta' seba' (7) snin u Brayton ta' hames (5) snin;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali, jew biza';

Premess illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet hu null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant tghid il-konvenuta ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-hamsa (5) ta' April 1997 fuq imsemmi hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet biha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi l-konvenuta taderixxi mat-talba ta' l-attur, b' dan illi tecepixxi kwantu segwenti:-

2. Illi l-konvenuta taqbel illi l-kunsens ta' attur ghaz-zwieg impunjat kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga kif ukoll fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, izda tichad illi l-kunsens taghha kien ivvizjat bl-istess mod;

3. Illi filwaqt illi l-konvenuta tichad kull vjolenza fizika, hija taqbel illi c-cirkostanzi taz-zwieg gie sfurzat fuqhom mill-fatt li hija harget tqila.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fil-5 ta' April 1997 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali "tal-partijiet" jinsab vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u tal-paragrafu [a] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta ssostni li kien il-kunsens matrimonjali ta' l-attur li kien vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u inoltre, ma kienx hemm beda vjolenza fizika, izda kien hemm pressjoni dettata mic-cirkostanzi li sabu ruhhom fihom il-partijiet.

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' April 1997, meta allura l-attur kellu 26 sena u l-konvenuta 21 sena, u wara li kienu ilhom jffrekwentaw lil xulxin circa sena, u wara li l-konvenuta harget tqila. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal, wiehed fit-30 ta' Mejju 1997 u l-iehor fis-26 ta' Mejju 1999. Wara konvivenza ta' hames snin, il-partijiet isseparaw de facto, u fit-23 ta' Jannar 2003 isseparaw de jure. Skond il-konvenuta, l-attur fil-prezent jghix ma' mara ohra.

*Versjoni ta' l-attur*
Illi l-attur jghid li wara xaharejn li bdew johorgu flimkien, il-konvenuta nqabdet tqila, bir-rizultat li l-familjari taghha haduha bil-kbira, u eventwalment iddecidew li jizzewwgu. Huwa jghid "Ahna ddecidejna li nizzewwgu mal-ewwel."[1] Ghalkemm qatt ma kienu tkellmu fuq zwieg qabel. Jghid li "Kieku mhux ghax harget tqila ma kontx nizzewwigha"[2] Izda fl-istess affidavit jghid li "Bejn li sirna nafu bit-tqala u t-tieg, jiena kont hassart ir-relazzjoni f' okkazjoni wahda . . . pero' mbaghad kont jien li fittixt biex nerga' nirranga

[1] Fol.18
[2] Ibid.

maghha”[3] Huwa jikkonferma li “Jiena zzewwigt ghax ridt li t-tarbija titwieled fiz-zwieg”[4]

L-attur jilmenta li fiz-zwieg il-konvenuta kienet dejjem tkun ghand ommha u ma kienitx issajjar tant li kien jispicca jiekol ghand ommu jew jixtri take-away, “facendi tad-dar ftit mill-anqas” ghalkemm ma kienitx tahdem barra mid-dar, u kienet tohrog wahedha u tidhol tidhol id-dar fis-sieghat bikrin ta’ filghodu; izda fid-deposizzjoni tieghu, wara li jilmenta li kienet tmur ghand il-genituri taghha spiss u ghand hutha u li hu “kien lanqas wiehed”[5] jghid hekk: “Jiena mhux qed nghid li [hi] mara sfrattata, jien f’ wiccha nghidilha.....[6]Huwa jghid li huma bhala koppja ma kienux jqablu “totalment”[7] u li z-zwieg taghhom kien karatterizzat minn tilwim kontinwu, sa mill-bidu nett.

*Versjoni tal-konvenuta*

Illi l-konvenuta tghid li, ghalkemm meta saret taf li kienet harget tqila, telqet mid-dar tal-genituri taghha u marret tghix ghand nannitha biex jikkalmaw l-affarijiet, izda hija kienet irritornat lura tlett ijiem wara. Illi, ghalkemm tghid li kieku ma hargitx tqila ma kienitx tizzewweg “dak iz-zmien”, izda tghid li “ghal bidu [tal-hajja konjugali] kont inhobbu, ghalhekk izzewwigtu”[8] u tghid “it-tnejn li ahna konna ferhanin li kien ser ikollna tarbija. Kont ninkwieta li l-attur kien aggressiv [u possessiv] izda jiena kont inhobbu hafna u kont nghid li probabbli maz-zwieg jinbidel.”[9]

Tghid li anke qabel it-tqala huma kienu jitkellmu fuq zwieg u li l-attur kien ikellimha “fuq il-postijiet u gieghli konna mmorru naraw postijiet … kont immur mieghu u nara u hekk”[10] Hija tichad li ma kienitx taghmel il-facendi tad-dar, izda tikkonferma li l-inkwiet matrimonjali beda mill-bidu tal-konvivenza, ghalkemm kien wara sena li l-attur beda jerfa’ idejh fuqha. Il-konvenuta, fuq mistoqsija, tghid li,

[3] Fol.18 - 19
[4] Fol.19
[5] Fol.73
[6]
[7] Fol.65
[8] Fol.88
[9] Fol.27
[10] Fol.86

ghalkemm fiz-zwieg zviluppaw il-problemi bejniethom huma xorta wahda kien ikollhom x'jaqsmu "flimkien regolarment ghal 5 snin" "mela"![11]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi fl-ewwel lok il-Qorti hija tal-fehma li hija izjed propensa li tghati affidament lill-konvenuta milli lill-attur.

Illi l-ewwel kawzali hija bazata fuq l-ewwel parti ta' l-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat. L-attur jsostni li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali z-zewg partijet kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenjali taz-zwieg, fil-waqt li l-konvenuta ssostni li dan il-caput nullitatis jezisti biss fil-konfront ta' l-attur.

Illi l-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li l-partijiet, jew xi hadd minnhom, kienu that l-inkapacita' psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali" jew li ma kellhomx certu dixxerniment dwar id-dmirjiet u d-drittijiet essenzjali tal-hajja mizzewwga. Huwa minnu li huma ghagglu fid-decizjoni taghhom, izda dan per se ma jintegrax dan il-caput nullitatis; u huwa ritenut fil-gurisprudenza li difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhuwiex semplicement nuqqas ta' hsieb, jew nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati . Illi l-fatt li l-partijiet damu jikkonvivu ghal hames snin, li matulhom kien ikollhom relazzjonijiet intimi regolari, u li wara sentejn miz-zwieg kellhom wild iehor, jimmilita kontra din il-kawzali. Il-fatt tal-inkompatibilita' ta' karattru li jidher li kien jezisti f' dan il-kaz, tista' sservi bhala wahda mir-ragunijiet li taw lok ghas-separazzjoni personali, izda mhijiex raguni valida fil-ligi ghall-annullament.

Illi t-tieni kawzali hija bazata fuq il-caput nullitatis kontemplata fil-paragrafu [a] ta' l-artikolu precitat, u, filwaqt li l-attur isostni li l-kunsens matrimonjali kien vizzjat

[11] Fol.83

bil-vis et metus da parti taz-zewg partijiet, il-konvenuta tichad "kull vjolenza fizika" ghalkemm tghid li kien hemm pressjoni dettata mic-cirkostanzi.

Illi jinsab ritenut li biex tissussisti din il-*caput nullitatis* jehtieg li jigi provat li l-partijiet, jew parti, izzewwgu minnhabba cirkostanzi ta' vjolenza, fizika jew morali, jew biza, u li biex pressjoni indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni tammonta ghal vjolenza morali jew biza esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe' trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens. Il-pressjoni jew vjolenza trid tkun determinanti, ingusta u gravi.

Fil-kaz in disamina dawn il-fattur manifestament ma jirrizultawx ; anzi mill-provi jirrizulta l-kuntrarju. Jirrizulta li l-partijiet kienu ferhanin li ser ikollhom tarbija, u, ghalkemm ma kellhomx ippjanat li jizzewwgu f' dak iz-zmien, izda wara li saru jafu bit-tqala l-attur jghid li '<u>ahna ddecidejna</u> li nizzewwgu'[12] u l-konvenuta tghid li huma kienu ferhanin li ser ikollhom tarbija u li lill-attur 'kont inhobbu hafna'[13] Il-konvenuta tghid ukoll li, nonostante li ommha provat tifthilha ghajnejha u biex tahsiba sew qabel ma tizzewweg, u nonostante li ftit qabel iz-zwieg huma kienu hassru, izda huma eventwalment iddecidew li jizzewwgu. Tghid ukoll li l-attur kien baghat qassis sabiex jkellimha u dan kien inkoraggihom sabiex jaghmlu paci, u hi peress li 'kont ghadni nhobbu .... ergjat accettajtu [lill-attur]'[14]

Illi l-provi juru bic-car li, ghalkemm il-partijiet kienu f' certu sitwazzjoni, huma hadu d-decizjoni taghhom li jizzewwgu liberament u wara riflessjoni ; u ma kien hemm ebda vjolenza, jew pressjoni, gravi u ngusta, li ddeterminat l-ghoti tal-kunsens matrimonjalil u nnewtralizzat <u>ix-xelta libera taghhom</u>. Huma zzewwgu ghax riedu jizzewwgu.

---

[12] Ibid - sottolinear tal-Qorti
[13] Ibid
[14] Fol.28

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhijiex gustifikata la fil-fatt u lanqas fid-dritt u ma timmeritax li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------